MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 845/2009

**Anna Grech bħala mandatarja speċjali tal-assenti Vivian Egidio, Alex Roger u John Henry, aħwa Falzon**

**-vs-**

**Daniela Falzon**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-31 ta' Awissu, 2009 li permezz tagħha l-mandatarja speċjali ppremettiet:

Illi l-mandanti tagħha u l-intimata huma aħwa, kollha uliet il-mejjet William Falzon;

Illi l-mandanti tar-rikorrenti huma l-proprjetarji assoluti tal-appartament internament enumerate għaxra (10) li jinsab fil-blokka bini li ġġib in-numru 39, Tigne SeaFront, Sliema, u dan billi wirtuh mingħand missierhom il-mejjet William

Falzon *ai termini* tar-raba' Artikolu tal-aħħar testament tiegħu tal-1 ta' Mejju 2003 pubblikat min-Nutar Dr Anthony Grech Trapani – kopja hawn annessa u markata bħala Dok "A".

Illi l-intimata daħlet tabita fl-imsemmi appartament u ppussessat ruħha minnu a detriment tal-mandanti tar-rikorrenti mingħajr ebda dritt u titolu ta' xejn fuqu.

Illi l-mandanti tar-rikorrenti ma jriduhiex aktar fl-imsemmi appartament u mitluba tirrilaxxjah lura lir-rikorrenti, l-intimata rrifjutat li tagħmel dan avolja ġiet mitluba tagħmel hekk kemm verbalment kif ukoll bil-miktub.

Illi għalhekk fl-opinjoni tar-rikorrenti, l-intimata m'għadhiex eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrenti u għalhekk il-kawża tista' tiġi deċiża *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:

1. taqta' u tiddeċiedi l-kawża *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u ċjoe' bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża;

2. tiddikjara illi l-intimata qed tiddetjeni l-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi u konsegwentement;

3. tordna lill-intimata sabiex tivvaka l-fond *de quo* u tikkonsenja ċ-ċwievet relattivi lura bil-pussess vakanti tal-imsemmi appartament lir-rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti, kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti senjatament dik għad-danni u kumpens sakemm fattwalment il-pussess tal-proprjeta' tirriverti lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa tibqa' nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-intimata debitament notifikata naqset li tidher għas-seduta tal-lum;

Rat il-verbal tal-lum stess li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li d-difensur tal-atturi ddikjara illi ċ-ċirkostanzi ma nbidlux minn meta ġiet mibdija l-kawża.

**Għaldaqstant billi t-talbiet attriċi jirriżultaw, il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għall-fini tat-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-intimata.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------